

Dikjarazzjoni Speċifika ta' Privatezza

Konsultazzjoni pubblika dwar il-lista ta' Proġetti ta' Interess Komuni (elettriku u gass) proposti

(fil-kuntest tar-Regolament 347/2013)

1. GĦAN

L-għan ta' din il-konsultazzjoni huwa li jinkisbu u jinġabru l-kontribuzzjonijiet tal-pubbliku fil-proċess ta' identifikazzjoni ta' Proġetti ta' Interess Komuni (PCIs) tal-elettriku u l-gass, taħt ir-responsabbiltà tad-Direttur tad-Direttorat għar-Riżorsi Maqsumin ta' DG Mobilità u Trasport u DG Enerġija, li jaġixxi bħala Kontrollur tad-Dejta.

Peress li dan is-servizz onlajn jiġbor u jipproċessa d-dejta personali, japplika r-Regolament (KE) 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwu fir-rigward tal-ipproċessar ta' dejta personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-moviment liberu ta' dik id-dejta.

2. X'INFORMAZZJONI PERSONALI NIĠBRU U B'LIEMA MEZZI TEKNIĊI?

Dejta ta' Identifikazzjoni

Id-dejta personali miġbura u pproċessata hija biss dik id-dejta li hija meħtieġa għall-ġestjoni ta' kontribuzzjonijiet (bħalma huma l-isem, il-kunjom, il-professjoni, l-indirizz postali u elettroniku, in-numru tat-telefown/tal-faks, eċċ.), kif ukoll l-opinjoni tal-kontributori dwar is-suġġetti kkonċernati.

L-operazzjonijiet ta' pproċessar tad-dejta personali marbuta mal-organizzazzjoni u l-ġestjoni ta' din il-konsultazzjoni pubblika huma meħtieġa għall-ġestjoni u t-tħaddim tal-Kummissjoni, skont il-mandat mogħti mit-Trattati, u b'mod aktar speċifiku l-Artikoli 5 u 13 tat-TUE u l-Artikoli 244 - 250 tat-TFUE, kif ukoll skont l-Artikoli 1 u 11 tat-TUE.

Tagħrif tekniku

Is-sistema tuża "cookies" tas-sessjoni sabiex tiżgura l-komunikazzjoni bejn il-klijent u s-server. Għalhekk, il-brawżer tiegħek irid ikun konfiguratur li jaċċetta l-"cookies". Madankollu, ma tinġabar ebda tip ta' informazzjoni personali jew kunfidenzjali, u lanqas l-indirizz IP mill-kompjuter tiegħek. Il-cookies jisparixxu hekk kif tintemm is-sessjoni.

3. MIN GĦANDU AĊĊESS GĦALL-INFORMAZZJONI TIEGĦEK U LIL MIN TINGĦATA?

Il-kontribuzzjonijiet li jaslu, flimkien mal-identità tal-kontributor, se jiġu ppubblikati fuq l-internet, sakemm il-kontributor ma joġġezzjonax għall-pubblikazzjoni tad-dejta personali tiegħu/tagħha għar-raġuni li tali publikazzjoni tista' tkun ta' ħsara għall-interessi leġittimi tiegħu/tagħha. F'dan il-każ, il-kontribuzzjoni tista' tiġi ppubblikata b'mod anonimu jew ma tiġix ippubblikata wara rikjesta espliċita. Kwalunkwe oġġezzjoni dwar il-pubblikazzjoni ta' dejta personali għandha tintbagħat lis-servizz responsabbli għall-konsultazzjoni (ara l-informazzjoni ta' kuntatt hawn taħt).

4. KIF NIPPROTEĠU U NĦARSU L-INFORMAZZJONI TIEGĦEK?

It-tweġibiet tiegħek, flimkien mal-lingwa li għażilt fil-kitba tat-tweġiba, jiġu rreġistrati f'bażi tad-dejta sikura u protetta miżmuma miċ-Ċentru tad-Dejta tal-Kummissjoni Ewropea, li l-operazzjonijiet tagħha jikkonformaw mad-deċiżjonijiet u mad-dispożizzjonijiet tas-sigurtà tal-Kummissjoni stabbiliti mid-Direttorat tas-Sigurtà għal dawn it-tipi ta' servers u servizzi. Il-bażi tad-dejta mhix aċċessibbli minn barra l-Kummissjoni. Internament fil-Kummissjoni, wieħed jista' jikseb aċċess għall-bażi tad-dejta permezz ta' Identifikazzjoni Personali (UserId)/Password.

L-aċċess għall-applikazzjoni jsir permezz ta' konnessjoni mhux kriptata bl-użu tal-protokoll normali tal-http.

5. KIF TISTA' TIVVERIFIKA, TIMMODIFIKA JEW TĦASSAR L-INFORMAZZJONI TIEGĦEK?

F'każ li tkun trid tivverifika liema dejta personali qed tinħażen f'ismek mill-kontrollur responsabbli, jew li tkun trid tibdilha, tikkoreġiha jew tħassarha, jekk jogħġbok ikkuntattja lill-Kontrollur tad-Dejta billi tuża l-informazzjoni ta' kuntatt hawn taħt u spjega b'mod espliċitu t-talba tiegħek.

6. GĦAL KEMM ŻMIEN INŻOMMU D-DEJTA TIEGĦEK?

Il-dejta personali tiegħek tibqa' fil-bażi tad-dejta sakemm ir-riżultati jkunu kompletament analizzati u ssir anonima wara li tkun ġiet sfruttata b'mod utli, u mhux aktar tard minn sena wara t-tmiem tal-konsultazzjoni.

7. INFORMAZZJONI TA' KUNTATT

F'każ li tkun trid tivverifika liema dejta personali qed tinħażen f'ismek mill-Kontrollur tad-Dejta responsabbli, jew li tkun trid tibdilha, tikkoreġiha jew tħassarha, jew jekk għandek mistoqsijiet dwar il-konsultazzjoni, jew rigward kwalunkwe informazzjoni pproċessata fil-kuntast tal-konsultazzjoni, jew dwar id-drittijiet tiegħek, tiddejjaqx tikkuntattja t-tim ta' appoġġ, li jopera taħt ir-responsabilità tal-Kontrollur tad-Dejta, filwaqt li tuża l-informazzjoni ta' kuntatt li ġejja:

Direttorat Ġenerali tal-Enerġija, Unità B. 1. (Netwerks u Inizjattivi Reġjonali)

Posta Elettronika: ENER-B1-PROJECTS@ec.europa.eu

8. RIKORS

L-ilmenti, f'każ ta' konflitt, jistgħu jiġu indirizzati lill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Dejta.